**IL-MALTI**

ĦARĠA LI TOĦROĠ
IL-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU
1972

# EGĦLUQ IL-ĦAMSIN SENA

## 1921 - 1971

## L-Akkademja Mfakkra fit-Teatru Manoel

*Bħala sehem mill-festi li fakkru egħluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Akkademja tal-Malti, il-Kunsill ħa ħsieb li jagħti Lejla Mużiko-Letterarja fit-Teatru Manoel, nhar il-Ħamis, 23 ta' Diċembru, 1971, taħt il-Patroċinju Distint ta' l-Eċċellenzi Tagħhom Sir Anthony u Lady Mamo.*

*Kien jixraq li okkażjoni li tweġġaħ għaqda nazzjonali u l-ogħla korp akkademiku tal-Malti li tul dawn is-snin issielet u rebaħ biex Ilsienna jintrafa' fuq il-pedestal li jixraqlu, issir fl-istess Teatru Nazzjonali li llum iżjed minn qabel jista' jsemma' l-kelma Maltija u x-xogħlijiet tal-kittieba tagħna.*

*Il-programm kellu introduzzjoni mill-President, il-Prof. Ġ. Galea M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H. li ta ġieħ lill-pijunieri ta' l-Għaqda li taw ħinhom u sehem kbir minn ħajjithom għall-għarrfien tal-Malti mill-awtoritajiet ta' żmienhom.*

*Wara, inqraw siltiet letterarji ta' kittieba, ex-Presidenti ta' l-Akkademja, mill-ewwel wieħed — Ġużè Muscat Azzopardi ("It-Tmienja ta' Settembru") u Mons. K. Psaila ("Il-Ġerrejja u Jien") flimkien ma' kitba tal-President tal-lum, il-Prof. Ġ. Galea ("Nofs Seklu").*

*Inqraw ukoll siltiet mill-Ktieb ta' Ġob, traduzzjoni ta' Mons. Prof. Saydon B.Litt., B.L.Can. D.D., Lic. S.S., D.Litt., b'introduzzjoni u komment fuq it-traduzzjoni tal-Ktieb ta' Ġob minn Prof. Mons. Karm Sant, B.A., Lic. D., Lic. S.S., D.D.*

*Il-Kor Ġesù Nazzarenu, taħt it-tmexxija ta' Patri Salv. Galea, O.P., ta interpretazzjoni tajba ħafna ta' innijiet reliġjużi li ħarġu mill-pinna ta' Dun Karm fuq in-noti familjari tas-Surmast Giuseppe Caruana — l-"Innu ta' Filgħodu" u l-"Innu ta' Filgħaxija", flimkien ma' għanjiet folkloristiċi "Lapsi" u "It-Tieqa tal-Fanal" mu-*

*żika tas-Surmast Carmelo Pace. L-għanja popolari tal-Milied "Ninni, la Tibkix Iżjed" wasslet it-tmiem tal-programm li għalaq bl-Innu Malti u l-kliem li ħallielna l-Poeta Nazzjonali, mafkar ħaj ta' ħidma u għożża.*

*Il-produzzjoni tal-Lejla Mużiko-Letterarja kienet f'idejn Dr. V.M. Pellegrini LL.D. li flimkien ma' Dr. W. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., M.A., D.P.A. u sur Victor Apap ġew maħtura mill-Kunsill biex ifakkru egħluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Akkademja fit-Teatru Manoel.*

*Għenu wkoll għas-suċċess tal-'Lejla' il-qarrejja li ħadu sehem, fosthom: Patri H. Born, Patri V. Barbara, Karmen Azzopardi, Charles Coleiro, George Stevens, Peter Caruana u Maria Pisani. It-Tijatru kien mimli bi spettaturi mill-aqwa u mill-aħjar fosthom l-Onorevoli Ministru Buttigieg u l-Isqfijiet Gerada u Galea.*